Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10131 — Partners Group/Warburg Pincus/Ecom Express Private)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 24/16)

1. Fit-12 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Partners Group AG ("Partners Group", l-Isvizzera),

— Warburg Pincus LLC ("Warburg Pincus", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ecom Express Private Limited ("Ecom Express Private", l-Indja) ikkontrollata minn Warburg Pincus.

Partners Group u Warburg Pincus jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Ecom Express Private.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Partners Group: kumpanija globali tal-ġestjoni tal-investiment fis-swieq privati attiva f'firxa ta' industriji,

— Warburg Pincus: ditta ta' ekwità privata globali b'kumpaniji ta' portafoll attivi f'diversi setturi (pereż. servizzi tal-konsumatur, industrijali u tan-negozju, enerġija, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa, proprjetà immobbli, u teknoloġija),

— Ecom Express Private: fornitur ta' servizzi ta' loġistika ta' terzi persuni fl-Indja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10131 — Partners Group/Warburg Pincus/Ecom Express Private

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË